MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 2514/1999/1

**A sive B C**
**vs**
**D C nee' E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu fl-20 ta' Settembru 1991;

Premess illi l-kontendenti mill-imsemmi zwieg kellhom it-tifla li jisimha F;

Premess illi l-kontendenti ghamlu ftit tax-xhur biss jghixu flimkien tant li ilhom ghal dawn l-ahhar 6 snin separati de facto;

Premess illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmlilha impossibli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Premess illi l-kunsens tal-kontendenti inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Premess illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null ghall-effetti kollha tal-ligi.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-20 ta' Settembru 1991 huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi.

Bl-ispejjez u bil-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante illi m' huwiex minnu li z-zwieg celebrat fl-20 ta' Settembru 1991 huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-20 ta' Settembru 1991 huwa null fil-ligi

stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta qieghda tikkontesta din it-talba. Dawn huma l-parametri gudizzjari ta’ l-azzjoni odjerna.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-20 ta’ Settembru 1991 meta allura l-attur kellu 24 sena u l-konvenuta kellha 27 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sena. Wara sena mid-data taz-zwieg twieldet it-tifla tal-partijiet. Wara konvivenza matrimonjali ta’ circa tlett snin, l-attur telaq mid-dar konjugali fil-11 ta’ Dicembru 1994; u b’ hekk il-partijiet isseparaw.

*Versjoni ta’ l-attur*

Illi l-attur jghid li fiz-zwieg “qatt ma ffurmajna bejnietna dik l-unjoni li hi verament rikjesta fi zwieg veru.”[1] Il-partijiet ma kienux jafu lil xulxin sew qabel iz-zwieg peress li l-perijodu ta’ l-gherusija kien zghir u l-preparamenti ghaz-zwieg kienu mghagglin. Intimita’ qabel iz-zwieg ma kienx hemm. Ma kienux preparati ghaz-zwieg; u hu jghid li ma kienx jaf li “z-zwieg kienet xi haga permanenti.”[2] Huwa ghandu livell ta’ edukazzjoni ta’ skola sekondarja u huwa wkoll gradwat fil-muzika.

Huwa jilmenta mill-fatt li l-konvenuta kienet tiddependi wisq fuq ommha u, ghalkemm ma kinitx tahdem, fiz-zwieg kienet tkun dejjem barra tigri ma’ ommha. Kienet taghmel il-gurnata kollha barra, tant li meta kien jigi lura mix-xoghol ma kienx isibha d-dar. Barra minnhekk ommha kienet tindahal wisq bejniethom. B’ hekk fl-ahhar iddejjaq u ddecieda li jitlaq mid-dar

L-attur jghid li martu la kienet issajjar u lanqas taghmel facendi tad-dar. Jghid: “Tisjir prattikament xejn. Facendi lanqas taf xi tfisser il-kelma.”[3] Jghid: “Jiena kont nnaddaf, nahsel, insajjar, nahdem u naghmel kull ma hemm bzonn

[1] Aff. fol.73
[2] Fol.80
[3] Aff. fol.74

li jsir u hi ddur m' ommha."[4] Kienu jiggieldu kuljum fuq kollox peress li ma kienu jaqblu f' xejn. Jghid li "il-hajja intima taghna kienet kwazi nezistenti."[5] Huwa jiddeskrivi l-intimita' ta' bejniethom bhala "haga mekkanika"[6]. Wara t-twelid tat-tifla l-konvenuta kienet qabditha "depression kbira." Huwa jghid li matul il-konvivenza matrimonjali, il-konvenuta telqet mid-dar f' zewg okkazzjonijiet u marret ghand ommha.

Huwa jghid li kien hemm pressjoni minn omm il-konvenuta biex jizzewgu, tant li din tathom l-appartament fejn joqghodu u xtratilhom l-ghamara.

*Versjoni tal-konvenuta*

Illi l-konvenuta tikkontradici fil-maggjor parti taghha l-versjoni moghtija mill-attur. Hija tghid li huma kellhom perijodu normali ta' gherusija u f' dak iz-zmien ma kienx hemm problemi. Hija kienet thobb lill-attur, u tghid ukoll li ghadha thobbu, u l-attur dak iz-zmien ukoll kien ihobbha u ried jizzewwigha. Tghid li l-preparamenti taz-zwieg saru flimkien izda kien l-attur li ffissa d-data taz-zwieg. Huma kienu marru l-kors ta' Kana u attendew il-kors shih. Sa dak iz-zmien ma kienx hemm problemi bejniethom.

Il-problemi bdew jinqalghu wara z-zwieg minhabba li l-attur "kien imur ghax-xoghol, johrog fit-8.00pm u jidhol fl-ghaxra [10.00 pm]"[7] Meta kien jidhol fl-4.00 am huwa kien joqghod jara l-pornografija u "kien jaghmel wahdu fuq is-sufan." Il-konvenuta tghid li llum il-gurnata, filwaqt li hi tghix ma' ommha bit-tifla, l-attur jghix "mal-girlfriend il-gdida li ghandu" u li hi jdentfikat b' isimha.[8]

Hija tichad l-allegazzjonijiet ta' l-attur rigward in-nuqqasijiet taghha fiz-zwieg, u tghid li hija kienet ippreparata ghaz-zwieg u kienet taf x' kienu l-obbligi marbuta maz-zwieg. Tghid li "jiena dejjem hadt hsieb tat-tisjir u tal-facendi tad-dar. Anke meta jien kont tqila jien

[4] Aff. Fol.75
[5] Aff. fol.75
[6] Dep. fol.80
[7] Aff. fol.57
[8] Aff. fol.58

dejjem sajjart kull kwalita' ta' ikel … kont insajjarlu l-ikel li kien jiehu gost jiekol hu."[9] Hi tghid li ma hux minnu li ommha kienet tindahal bejniethom, izda kienet tghinhom finanzjarjament peress li l-attur kien jhalli lil martu nieqsa mill-flus. Hija kienet tiehu hsieb thallas il-kontijiet, u meta ma kienx ikollha flus bizzejjed kienet tirrikorri ghal ghand ommha. Di fatti ommha kienet tathom il-post fejn joqghodu u xtratilhom l-ghamara.

Hija tinnega kategorikament li kienet telqet mid-dar fi tlett okkazzjonijiet; u tghid li l-partijiet ilhom separati de facto mill-11 ta' Dicembru 1994.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fl-ewwel lok ghandu jigi osservat li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. L-oneru tal-prova tal-fatti allegati jirrisjedi fuq minn qed jallegahom. Konfromament ma' dan, fil-kaz in disamina huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti li fuqhom huwa qed jibbaza l-kawzali tieghu. Ghalhekk sabiex jirnexxi fl-azzjoni tieghu l-attur irid jipprova li l-kunsens matrimonjali tieghu huwa vizzjat fit-terminii tal-paragrafi precitati.

Illi fit-tieni lok jigi osservat li, dak li huwa relevanti ghall-finijiet tal-gudizzju odjern huwa l-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u dak li sar qabel, u wara, iz-zwieg jista' jkun relevanti biss in kwantu jitfa' dawl fuq il-partijiet f' dak il-mument.

Illi l-Qorti tosserva li dak li gie allegat mill-attur fil-konfront tal-konvenuta u li gie konfortat bix-xhieda tal-gerituri tieghu, jinsab kontraddett kategorikament mill-konvenuta li tinsab konfortata fix-xhieda taghha minn ommha u familjari taghha. Dan idghajjef serjament il-kaz ta' l-attur.

*<u>Discretio judicii</u>*

Illi l-ewwel kawzali hija bazata fuq id-dispost ta' l-ewwel parti tal paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat li, fl-ewwel parti tieghu, jikkontempla bhala wiehed mill-caput nullitatis il-kaz fejn il-kunsens matrimonjali tal-partijiet, jew ta' parti,

[9] Aff. fol.57

jkun vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha.

Jigi osservat li f’ dan il-kaz ma jirrizultax sodisfacentement provat li l-attur jew il-konvenuta kienu affetti mill-inkapacita’ psikika li mpediethom milli jgharrfu u jifehmu l-obbligi u d-drittijiet tal-hajja matrimonjali; jew li kienu immaturi sa talli grad li ma kellhomx certu dixxerniment ta’ dak li kien jimporta z-zwieg, u ta’ l-impenji matrimonjali futuri. Meta zzewgu, il-partijiet kellhom 24 sena u 27 sena rispettivament, u per di piu’ l-attur kien diga’ kellu relazzjoni twila ma’ tfajla ohra, oltre li kien diga’ dahal fid-dinja tax-xoghol. Minn naha taghha, il-konvenuta, ghalkemm jidher li qatt ma hadmet barra mid-dar, ma jirrizultax li dina naqset mill-obbligi taghha matrimonjali. Ma hemm xejn x’ jindika mill-fatti provati li dina ma kinitx konxja mill-fatt li fiz-zwieg hija kienet dahhlet f’ unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-ben essere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal. Di fatti, qabel ma l-attur iddecieda jitlaq mid-dar konjugali, hija kienet tikkonvivi mieghu, kienet tiehu hsieb il-familja, inkluza t-tifla li baqghet tiehu hseibha anke wara s-separazzjoni. Rigward l-allegazzjoni ta’ l-attur li hija kienet titraskura d-doveri taghha lejh u lejn id-dar, din tinsab michuda kategorikament minnha, u ghalhekk ma jistax jinghad li l-attur irnexxielu jipprova din l-allegazjzoni tieghu.

Illi rigward l-allegazzjoni ta’ l-attur li huwa ma kienx jaf li z-zwieg hija “xi haga permanenti”, il-Qorti tikkunsidra din l-allegazzjoni, fic-cirkostanzi, bhala nverosimili ghall-ahhar, u ddghajjef mhux bil-ftit il-kredibilita’ ta’ l-attur.

Illi jidher car li l-inkwiet bejn il-partijiet isib l-origini tieghu fil-fatt li l-attur, minhabba x-xoghol tieghu, kien jaghmel il-ljieli jdoqq go nightclubs, u kien jirritorna d-dar l-ghada filghodu; u l-inabilita’ tal-partijiet li jsolvi din il-problema wasslet ghad-digenerazzjoni tar-relazjoni matrimonjali ta’ bejniethom. Saru allegazzjonijiet minn naha tal-konvenuta u ommha relatati ma’ l-obbligu tal-fedelta’ fiz-zwieg da parti ta’ l-attur, izda din il-Qorti tosserva li, ghalkemm dawn il-problemi li zviluppaw wara z-zwieg

jistghu jkunu relevanti ghall-finijiet tas-separazzjoni personali, m' ghandhomx relevanza ghall-finijiet tal-kawza ta' l-annullament li huwa bazat fuq estremi differenti minn dawk tas-separazzjoni.

In konkluzjoni l-Qorti tosserva li l-attur ma rnexxielux jipprova b' mod sodisfacenti l-ezistenza ta' dan il-caput nullitatis; kif lanqas ma gab xintilla ta' prova biex jissostanzja l-kawzali bazata fuq it-tieni parti tal-paragrafu [d] li jikkontempla l-kaz ta' anomalija psikolgka serja li taghmel impossibbli l-esekuzzjoni tal-obbligi matrimonjali.

Illi rigward it-tieni kawzali, jigi osservat li din hija bazata fuq id-dispost tal paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat li jikkontempla kaz fejn il-kunsens ikun vizzjat bis-simulazzjoni tal-partijiet, jew ta' parti. Il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta car li z-zewg partijiet taw il-kunsens genwin taghhom u riedu jizzewgu lil xulxin. Il-konvenuta tghid li hija riedet tizzewweg lill-attur peress li kienet, u ghada, thobbu; filwaqt li l-attur jistqarr li huwa ried ikompli biz-zwieg nonostante li, kif qal huwa stess, il-genituri tieghu kienu esprimew mieghu l-parir taghhom kuntrarju ghal dan iz-zwieg. Imma l-attur xorta ried jizzewweg lill-konvenuta, u di fatti hekk ghamel. Wara z-zwieg il-partijiet kienu kkonvivew ghal xi zmien bir-rizultat li wara sena taz-zwieg kellhom tarbija. Dan jimmilita serjament kontra t-tesi bazata fuq l-eskluzjoni posittiva ta' l-obbligazzjonijiet matrimonjali. Ghaldaqstant anke dan il-caput nullitatis ma jirrizultax provat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma rnexxielux jissostanzja dak minnu allegat u li fuqu huma bazati l-kawzali tat-talba tieghu; u ghalhekk t-talba tieghu ma timmeritax li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta, tichad it-talba ta' l-attur; bl-ispejjez kollha a kariku tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------